# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


## MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Għargħur

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 21

Data tal-laqgħa: 13 ta' Lulju, 2020

*Il-Kunsill Lokali Ħal Għargħur ltaqa' nhar it-Tnejn, 13 ta' Lulju 2020 fil-5.30p.m.*

| ***Preżenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| Sindku | Helene Gauci |
| Viċi Sindku | Marilena Hassan |
| Kunsillieri | Christopher Fenech |
| | Abraham Aquilina |
| | Carl Grech |
| Segretarju Eżekuttiv | Maria Tanti |

Il-laqgħa bdiet fil-5.30p.m. billi ntqalet it-talba.

**21/01** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

**21/01/01** Ma kienx hemm.

**21/02** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 20**

**21/02/01** Ma kienx hemm korrezzjoni fil-Minuti. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-minuti.

**21/02/02** **Para 20/02/02:** Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li għadna qed nistennew risposta mill-FTZD rigward meta l-latrini pubbliċi ser jgħaddu għandhom u li ħa ssir laqgħa mal-Cleansing and Maintenance Division fit-30 ta' Lulju 2020.

**21/02/03** **Para 20/02/03:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li qed nistennew il-ħaddiema mid-District Office biex isiru toqob għal *bollards* f'toroq prinċipali. Is-Segretarju ssuġġerit li jekk ma humiex ser jaqduna fil-futur qarib, inqabbdu lil xi ħadd privat. Kien hemm qbil unanimu.

**21/02/04** **Para 20/02/04:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ninsabu f'kuntatt mal-Onor. Dr Clifton Grima rigward il-ground ta' Xwieki peress li Sport Malta qeda f'kawża l-Qorti vs B'Kara St. Joseph.

**21/02/05** **Para 20/02/05:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ninsabu f'kuntatt mal-Onor. Dr Clifton Grima biex nieħdu parti mill-ġnien ta' wara l-kamra li tinsab biswit l-iskola Primarja.

**21/02/06** **Para 20/02/06:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-inġinier qed jiffinalizza l-applikazzjoni biex inġibu fondi mill-UIF (Urban Improvements Fund) għal Ġnien il-Paċi u l-Ġnien ta' Żagħruna.

KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162
Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626
Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt

**21/02/07** **Para 20/02/07:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-bozza ġdida u l-arblu għal Triq iċ-Ċawl saru imma għadha trid titqabbad mill-Enemalta plc.

**21/02/08** **Para 20/02/08:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li s-Sur Salvu Fenech dalwaqt ser jaħdem il-bieb tal-kuritur t'isfel kif ukoll ser jibdel waħda mis-sellaturi tal-bieb tal-uffiċċju.

**21/02/09** **Para 20/02/09:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ma rċivejniex risposta minn Transport Malta fuq it-talba għal *sleeping police* qrib il-ħruġ tal-McDonald's.

**21/02/10** **Para 20/02/10:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li qed nistennew linji gwida mingħand il-Lands Authority sabiex noħorġu *expression of interest* biex is-*Searchlight Battery* tiġi restawrata.

**21/02/11** **Para 20/02/11:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ma rċivejniex risposta fuq il-fondi tal-UE biex isir restawr tal-ħitan tas-sejjieħ tal-Ġnien tal-Ponta.

**21/02/12** **Para 20/02/12:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ma rċivejniex risposta fuq talba lil Lands Authority għall-amministrazzjoni tal-Ferħa Estate.

**21/02/13** **Para 20/02/13:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li Reġjun Tramuntana suppost ser jinstalla 2 CCTV Cameras fil-Ġnien ta' Żagħruna.

**21/02/14** **Para 20/02/14:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-*Keep Clear* quddiem 'The Calling' fi Triq Caravaggio ħa ssir meta jsiru *road markings*.

**21/02/15** **Para 20/02/19:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-*open board* għal ħdejn l-Għassa tal-Pulizija ordnat.

**21/02/16** **Para 20/02/20:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kitbet lil Maltapost p.l.c biex il-*letterbox* timxi minn fejn l-għassa għal pjazza.

**21/02/17** **Para 20/02/21:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-mera fuq *pole* għal Triq Santa Katerina qrib Quarry 5 ordnatha.

**21/02/18** **Para 20/02/24:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-permess ħareġ mill-Awtorità tal-Ippjanar biex issir statwa ġdida ta' San Bert fuq pedestall fi Triq Mons. Luigi Catania k/m Triq 31 ta' Marzu.

**21/02/19** **Para 20/02/25:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li qed nistennew risposta fuq il-korrispondenza minn Dr David H Harding – Re il-post tal-klijenti tiegħu ġewwa Għargħur – użat ukoll għal Health Services tal-Gvern, Leap kif ukoll mill-Pulizija bħala l-Għassa tal-Għargħur.

**21/02/20** **Para 20/02/27:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li Jesmond Aquilina rranġa t-tarjola tal-arblu tal-monument tal-pjazza.

**21/02/21** **Para 20/02/29:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-*pole* u l-bankina perikoluża fi Triq Antonio Zammit k/m Triq l-Isqof S. Gaffiero għadhom hemm u li x-xogħol għadu għaddej.

**21/02/22** **Para 20/02/30:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li t-tabelli biex in-nies isuqu bil-mod saru.

**21/02/23** **Para 20/02/31:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ħriġna *works order* għaż-*zebra crossings* u dawl adegwat.

**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**21/02/24** **Para 20/02/35:** Is-Segretarju Eżekuttiv qed tiġbor l-istimi għal *bollards* ġodda ħdejn żvilupp fil-kantuniera ta' Triq il-Wieħed u Tletin ta' Marzu.

**21/02/25** **Para 20/02/38:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-bozza ġdida fi Triq Għaxqet l-Għajn (in-naħa ta' *searchlight battery*) saret imma għadha trid titqabbad mill-Enemalta plc.

**21/02/26** **Para 20/02/42:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li bdejna inqassmu vawċers lil dawk li jitimgħu lill-qtates.

**21/02/27** **Para 20/02/43:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li dalwaqt ser toħroġ sejħa għal knis tat-toroq.

**21/02/28** **Para 20/02/44:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-laqgħa mal-Ministru Aaron Farrugia fuq il-proġett ta' tisbiħ tal-Lanċiritka kif ukoll Triq Għaxqet l-Għajn minn bollard sa bollard ma saretx.

**21/02/29** **Para 20/03/01:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li nhar il-Ħamis, 16 ta' Lulju ser isir 'Jum il-Għargħur'.

**21/02/30** **Para 20/03/02:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kunsill irċieva żewġ offerti sabiex nagħmlu liedna u fustun fi Triq San Bartilmew, Misraħ il-Knisja u d-dawra tal-Knisja nkluż Triq id-Dejqa u Triq il-Wiesgħa. Il-Kunsill qabel unanimament li inqabbdu lis-Sur Jurgen Baldacchino peress li r-rati tiegħu kienu l-aktar vantaġġjużi.

**21/02/31** **Para 20/05/08:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ordnat *dog bin* għal Triq in-Naxxar.

**21/02/32** **Para 20/05/09:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ser tordna tabella waħda għaż-żona li qed tiġi miżmuma minn The Grow 10 Trees Project.

**21/02/33** **Para 20/05/14:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-kuntrattur tagħna ser ikun qed jagħmel *refreshing* tal-*speed limits* li għandna madwar ir-raħal.

**21/02/34** **Para 20/05/16:** Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li diġà hemm mera fi Triq il-Wieħed u Tletin ta' Marzu fil-kantuniera.

**21/02/35** **Para 20/05/17:** Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li min ressaq it-talba għal *sleeping police* ħdejn Demar fi Triq il-Wieħed u Tletin ta' Marzu ma joqgħodx hemm.

**21/02/36** **Para 20/05/20:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ħarġet *works order* għal *parking bays* ġodda fi Triq in-Naxxar.

**21/02/37** **Para 20/05/22:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li diġà hemm sleeping police ħdejn Sqaq il-Qiegħed.

**21/02/38** **Para 20/05/24:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kunsill ser joħroġ fuljett f'Awwissu.

**21/02/39** **Para 20/05/25:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-bozza ġdida fi Triq Għaxqet l-Għajn 'l isfel mill-Madonna tal-Ġebla l-Kbira saret imma għadha trid titqabbad mill-Enemalta plc.

**21/02/40** **Para 20/05/27:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ser nerġgħu niżbgħu c-*central strip* ta' quddiem l-Oratorju.

**21/02/41** **Para 20/05/28:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fi xhur li ġejjin il-Cleansing and Maintenance Division ser jipprovdu CCTV camera għal ħdejn l-Sptar tal-Ferħa.

**21/02/42** **Para 20/05/29:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fi Triq l-Isqof S. Gaffiero tal-GO neħħew l-arblu u d-*double yellow line* tgħatta.

**21/02/43** **Para 20/05/30:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-bozza li qeda fit-Triq tal-Balal ħdejn ir-roundabout biex tidħol fi Triq Santa Katrina ser tiġi ixxiftjatha.

**21/02/44** **Para 20/05/31:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ser tiġbor stimi biex nirranġaw il-ħajt ta' Triq San Bartilmew.

**21/02/45** **Para 20/05/32:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ser isiru kaptelli tal-konkos fejn hemm il-ġandott ta' Triq il-Ġnien u ordnat *cats-eyes* biex jeħlu mal-*crash barrier* li tinsab fl-istess triq.

**21/02/46** **Para 20/05/34:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ser issir *information panel* fi Ġnien il-Paċi fuq l-Għajn tal-ilma.

**21/02/47** **Para 20/05/35:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li hi flimkien ma' Sur Christopher Fenech ser jiltaqgħu ma' Sinjura Natalie Zammit (mill-Public Transport) sabiex il-*bus stop* ta' Triq San Bartilmew jiġi ħdejn il-Knisja u jsir *bus shelter* żgħir.

**21/02/48** **Para 20/05/36:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-bozza ġdida fi Triq San Bartilmew mal-ħajt ta' Primadent Dental Clinic saret imma għadha trid titqabbad mill-Enemalta plc.

**21/02/49** **Para 20/05/37:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kitbet lil Transport Malta sabiex isir *central strip* ċatta fi Vjal ir-Repubblika biex kulħadd iżomm in-naħa tiegħu.

**21/02/50** **Para 20/05/38:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li sabiex innaqqsu kemm nistgħu l-istorbju fl-Uffiċċju Amministrativ meta jsiru attivitajiet soċjali trid, issir biċċa *gypsum* u bieb tal-a*luminum* bil-ħġieġ *double glazed*. Kien hemm qbil unanimu.

**21/03** **Komunikazzjoni mis-Sindku**

**21/03/01** Is-Sindku resqet sabiex mis-sena d-dieħla l-impjegati tal-Kunsill jibdew in-nofstanhari mis-16 ta' Ġunju sa 30 ta' Settembru. Kien hemm qbil unanimu.

**21/04** **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

**21/04/01** Ma kienx hemm.

**21/05** **Rapporti, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet**

**21/05/01** Ġiet innutata stima minn RPisani Art Marble, is-Sur Abraham Aquilina issuġġerixxa li nirrestawraw il-monument tal-pjazza (€271.40). Kien hemm qbil unanimu. Kif ukoll stima biex nirrestawraw l-irħama ta' Franġiska Fenech li tinsab fi Ġnien il-Paċi (€212.40). Is-Sur Christopher Fenech issuġġerixxa li ssir irħama ġdida peress li l-irħama ta' Franġiska Fenech mhix f'kundizzjoni tajba. Kien hemm qbil unanimu li nġibu stimi.

**21/05/02** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 24 ta' Ġunju 2020).

**21/05/03** Ġiet innutata korrispondenza mill-Ministeru għall-Biedja, Sajd u drittijiet tal-Annimali se joħorġu applikazzjonijiet (LC Care Project Grant Support Scheme) biex tingħata għajnuna lill-Kunsilli Lokali li joħorġu b'ideat ġodda u proġetti pożittivi fl-interess tal-annimali partikolarment l-istrays fil-lokalità rispettiva. L-inċentivi huma applikabbli wkoll għall-ħolqien ta' Dog Parks u Cat Cafes fil-lokalità. Kien hemm qbil unanimu li napplikaw biex issir Cat Café fi Triq Għaxqet l-Għajn.

KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162
Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626
Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt

**21/05/04** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sur Kevin Farrugia - *Re: Request for road hump in Triq San Bartholomew in Għargħur.* Skont Transport Malta mhux rakkomandat li ssir *road hump* fi Triq San Bartilmew.

**21/05/05** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sur Kevin Farrugia – *Re: Request to change Triq Emmanuel Perren, part of Vjal Repubblika and Triq Excelsior into a One Way System in Għargħur.* Il-Kunsill ma laqax din it-talba.

**21/05/06** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sur Kevin Farrugia – *Re: Request to change Triq Emmanuel Perren, part of Vjal Repubblika and Triq Excelsior into a One Way System in Għargħur.* Il-Kunsill ma laqax din it-talba.

**21/05/07** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sur Kevin Farrugia – *Re: Request to set parking 'Fishbone' in Emmanuel Perren Street, Għargħur.* Il-Kunsill ma laqax din it-talba.

**21/05/08** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 1 ta' Lulju 2020).

**21/05/09** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sur Kevin Farrugia – *Re: Request a Road Mirror to be fixed in Triq Gaspare Formica c/w Triq ix-Xwieki.* Kien hemm qbil unanimu.

**21/05/10** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sur Kevin Farrugia – *Re: Request assistance on how to implement signage and line marking due to careless parking, in Triq Għaxqet l-Għajn.* Kien hemm qbil unanimu.

**21/05/11** Il-Kunsill irċieva stima minn Agius Decorations LTD għal *gypsum* fl-Uffiċċju Amministrativ (€365.80). Kien hemm qbil unanimu.

**21/05/12** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 8 ta' Lulju 2020).

**21/05/13** Fuq it-talba ta' residenta għal tabella ikbar ta' *No Heavy Vehicles* fi Triq Fidiel Zarb. Il-Kunsill ma laqax din it-talba.

**21/05/14** Fuq it-talba ta' resident biex Triq iċ-Ċawl tiġi *one way* min-naħa ta' Triq il-Kbira. Kien hemm qbil li nibagħtu ittra lir-residenti ta' din it-triq biex naraw jekk jaqblux.

**21/05/15** Fuq it-talba ta' resident għal *double yellow line* fi Triq l-Oratorju. Il-Kunsill ma laqax din it-talba.

**21/05/16** Fuq it-talba ta' residenta għal *yellow line* quddiem ix-xatba fi Triq Santa Katerina. Kien hemm qbil li jsir 1m *double yellow line* mal-ġnub tal-garaxx.

**21/05/17** Fuq it-talba għal mera ġdida fi Sqaq ix-Xgħajrat. Kien hemm qbil unanimu.

**21/05/18** Fuq it-talba ta' resident għal *sleeping police* fi Triq l-Indipendenza xhin tidħol u talba biex tinżabar is-siġra tal-*ficus* li hemm fl-istess post. Il-Kunsill ma laqax it-talba għal *sleeping police* u s-siġra diġà nżabret.

**21/05/19** Fuq it-talba ta' resident għal bankina u *double yellow line* ħdejn iċ-ċimiterju. Il-Kunsill ma laqax din it-talba.

**21/05/20** Fuq it-talba ta' resident għal *dustbin* ħdejn il-*bus stop* ta' Triq ix-Xwieki. Kien hemm qbil unanimu.

**21/05/21** Fuq it-talba ta' residenta biex ngħidu lil McDonald's jiktbu *number plates* tal-vetturi għax qed isibu ħafna żibel fit-triq. Il-Kunsill qabel li din xorta waħda mhix se ssolvi l-problema.

**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**21/05/22** Is-Sur Abraham Aquilina ressaq li ngħidu lil Malta Public Transport biex jagħmlu mappa ma' kull *bus stop* biex dak li jkun ikun jaf fejn qiegħed. Kien hemm qbil unanimu.

**21/05/23** Is-Sur Abraham Aquilina qal li nistgħu napplikaw għal fondi mill-Majjistral Action Group Foundation għad-dawl kemm għat-Torri tas-Semaforu kif ukoll għal bini tal-Kunsill. Barra minn hekk, nistgħu napplikaw għal fondi għar-restawr ta' niċeċ. Kien hemm qbil unanimu. Is-Sur Aquilina spjega li hemm ukoll fondi għal infrastruttura ambjentali.

**21/05/24** Is-Sur Christopher Fenech ressaq li nibdlu t-3 tabelli li juru d-direzzjoni, tnejn fi Triq Stiefnu Zerafa u waħda fi Triq Caravaggio. Kien hemm qbil unanimu.

**21/05/25** Is-Sur Christopher Fenech ressaq li ngħinu lir-residenti li jrid jsebbħu l-ambjent bil-fjuri, iżda l-istess residenti jridu jieħdu ħsiebhom u jsaqquhom regolarment. Kien hemm qbil unanimu.

**21/05/26** Is-Sur Christopher Fenech ressaq li niktbu li Street Naming Committee sabiex Triq il-Mitħna tiġi Sqaq il-Mitħna. Kien hemm qbil unanimu.

**21/05/27** Is-Sa. Marilena Hassan resqet li noħolqu kuxjenza fuq x'jistgħu jitimgħu l-qtates. Kien hemm qbil unanimu.

**21/05/28** Is-Sur Christopher Fenech ressaq li ninkludu l-iskeda tal-ġbir tal-iskart fil-fuljett ta' Awwissu. Kien hemm qbil unanimu.

**21/06** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

**21/06/01** Is-SE ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti pendenti / imħallsa li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-Uffiċċju tal-Kunsill sad-data ta' meta kienet ġiet ippubblikata l-Agenda. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-pagamenti kollha.

**21/07** **Aġġudikazzjoni tat-*Tender for the leasing of one (1) low emission self-drive 5-seater vehicle by the Ħal Għargħur Local Council***

**21/07/01** Il-bord tal-għażla kien magħmul minn Carl Grech bħala iċ-Chairperson, Helen Gauci, Abraham Aquilina u Christopher Fenech bħala evalwaturi kif ukoll Maria Tanti bħala s-Segretarju. Il-Kunsill qabel unanimament li l-kuntratt jingħata lil United Group Ltd minħabba li hija l-irħas offerta. Kien hemm qbil unanimu.

**21/08** **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

**21/08/01** Il-laqgħa spiċċat fis-7:20p.m. wara li l-*items* fuq l-*Agenda* ġew eżawriti u ġie unanimament deċiż li laqgħa oħra ssir nhar it-Tnejn, 17 ta' Awwissu 2020 fil-5:30pm.

*(firmati)* *(firmati)*

**Helene Gauci**
**Sindku**

**Maria Tanti**
**Segretarju Eżekuttiv**